# Minuti tal-419-il laqgħa tal-Kunsill li saret nhar il-Tlieta, 27 t' Awwissu, 2013

Il-laqgħa bdiet fis-6.40 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku s-Sur Quinton Scerri ppresieda l-laqgħa.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Quinton Scerri, il-Viċi-Sindku s-Sur Domenic Agius u l-Kunsillieri s-Sur Joseph Buttigieg, is-Sur Marc Vella Bonnici, is-Sur Joseph Vella, is-Sur Joseph Bonnici, is-Sur Brian Spiteri, is-Sur John J Pace, is-Sinjura Anna Calleja, is-Sur Joseph Agius u s-Sur Mark Grech.

Is-Sur Vella Bonnici talab lis-Sindku jagħti *ruling* peress illi l-Agenda kienet tikkonsisti f'aktar minn item wieħed u għaldaqstant m'hix skont l-artikolu 29A Taqsima III tal-Att Dwar il-Kunsill Lokali.

Is-Segretarju qara korrispondenza mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali li ntbaghtet wara li d-Dipartiment kien talab ikun jaf id-data u l-agenda tal-laqgħa li ssejħet b'urġenza. Fl-ittra mibgħuta mis-Sur Christopher Galea, Senior Monitoring Officer fid-Dipartiment tal-Gvern Lokali b'referenza għall-agenda tal-laqgħa, il-Kunsill ġie nfurmat li l-laqgħa b'urġenza għandna titratta l-materja urġenti li għaliha tkun issejħet u xejn iżjed. Għaldaqstant il-leġislatur kien ċar biżżejjed li jżid anke u xejn iżjed sabiex dan l-artikolu jiġi nterpretat bl-aktar mod ristrett possibli. Fil-każ odjern jekk il-materja urġenti hija il-pożizzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv, din il-materja għandha tiġi diskussa u xejn iżjed. Il-laqgħa sussegwenti xorta għandha tinżamm fl-istess ġurnata li tkun ġiet iffissata fl-aħħar laqgħa regolari. Ix-xogħol normali għandu jitkompla fil-laqgħa regolari ta' wara l-laqgħa b'urġenza. Għaldaqstant l-Item 2 tal-Agenda 'Approvazzjoni tal-Minuti' m'għandux jiġi diskuss waqt il-laqgħa b'urġenza u jitħalla għall-laqgħa regolari li jmiss.

Wara li nqrat l-ittra mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali s-Sindku qal li qed jagħti *ruling* biex il-laqgħa tiġi sospiża peress illi hija rregolari u mhux konformi mal-Att Dwar il-Kunsill Lokali.

Is-Sur Buttigieg qal li ma kienx qed jaqbel mal-argument tas-Sindku u dan kemm minħabba l-kontenut tal-ittra tad-Dipartiment kif ukoll peress illi ż-żewġ items huma relatati ma xulxin peress ili jikkonċernaw lis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill.

Minbarra hekk is-Sur Buttigieg qal li jekk il-kwestjoni tal-paga tas-Segretarju issa jidher li ser tkun riżolta ifisser li jista jiġi diskuss l-item dwar it-talba għall-*leave* tas-Segretarju u mhux titħassar il-laqgħa.

Is-Sur Spiteri qal li l-kelma l-'materja' fil-klawsola 29A Taqsima III tal-Att hija suġġett għall-interpretazzjoni u għaldaqstant ir-*ruling* tas-Sindku mhux ġustifikat peress illi l-klawsola m'hix qegħda tirristrinġi li ssir biss diskussjoni dwar item wieħed meta ż-żewġ items tal-Agenda huma relatat.

Is-Sinjura Calleja qalet li ma kienetx qed taqbel mar-*ruling* tas-Sindku għax żewġ items fuq l-istess suġġett għandhom jitqiesu bħala ta' l-istess materja.

Il-laqgħa spiċċat fis-6.45 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Quinton Scerri
Sindku